Parroċċa San Sebastjan
Ħal Qormi

# Avviżi tal-Komunità

EPIFANIJA **8 ta' Jannar 2012**

- Illejla issir il-quddiesa tal-magħmudija fl-4.30pm u wara l-quddesa tas-6.00pm, isir riċeviment għall-kollaboraturi kollha tal-Parroċċa fiċ-Ċentru Parrokkjali.
- Nhar it-Tnejn issir il-laqgħa tal-Kunsill Parrokkjali fis-7.00pm fiċ-Ċentru.
- It-Tlieta li ġejjin ikomplu l-laqgħat ta' l-AK fid-9.15am, fil-Kripta tal-Knisja.
- L-Erbgħa li ġejjin issir il-laqgħa tal-Ladies' Circle fid-9.30am fiċ-Ċentru.
- Il-Ħamis isir il-Pellegrinaġġ tal-Labtu l-Aħdar fil-Knisja Parrokkjali. Issir quddiesa fid-9.30am.
- Nhar il-Ħadd li ġej issir l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina, fil-5.00pm, fil-Knisja.
- Nhar il-Ħamis li ġej ser isir Coffee Morning fiċ-Ċentru Parrokkjali stess. Inħeġġu li jkollna attendenza tajba. Min jixtieq jattendi għandu jaħseb kmieni għall-biljetti.
- Il-Ħamis 19 ta' Jannar issir ħarġa li tkun tinkludi l-Ikla ta' San Sebastjan. Tluq fid-9.00am. Biljetti għandhom jinxtraw minn qabel.
- Nhar il-Ġimgħa 13 ta' Jannar ser tinfetaħ wirja fil-Każin tal-Banda fl-okkażżjoni tal-150 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà Filarmonika Pinto. Min għandu xi ritratti konnessi mall-każin jista' jesebihom f'din il-wirja.
- Il-Ħadd li ġej ser issir quddiesa u ikla organizzata mill-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi. Biljetti mill-każin jew membri tal-Kummissjoni.
- Il-ġabra speċjali tal-ġurnata tal-Ħadd li għadda laħqet is-somma ta' €1400. Fil-quddies ta' lejliet l-ewwel tas-sena, saret il-ġabra għad-Dar tal-Providenza u inġabret is-somma ta' €1000. Grazzi lil kull min ta' l-għotja tiegħu.

Paċi u barka

Fr Joseph Buhagiar
Kappillan